MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 51/2008

**Therese Debono (detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 427117 (M)), Mary Rose Deguara (detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 99646 (M)), John Debono (detentur ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 874647 (M)), Susan Enriquez (detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 984149 (M)), Margaret Frendo (detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 188552 (M)), Michael Debono (detentur ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 371953 (M)), Bernardette Rausi (detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 797856 (M)), u Anna Cassar (detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` numru 572662 (M))**

**vs**

**L-Avukat Generali, Il-Prim’Ministru, Mario u Esmeralda konjugi Buhagiar (detenturi ta’ l-karta ta’ l-identita` bin-numru 401980 (M) u 87583 (M) rispettivament) u Bernardette armla ta’ Grezzju Buhagiar (detentrici ta’ l-karta ta’ l-identita` bin-numru**

**918945 (M)) u Antoine u Carmel ahwa Buhagiar (detenturi ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 253883 (M) u 63273 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

1.0 Rat ir-rikors promotur datat l-10 t'Ottubru, 2008, li permezz tieghu ghar-ragunijiet premessi ir-rikorrenti sintetikament talbu s-segwenti:

1.1. Illi jinghataw rimedju xieraq *ai termini* tal-artiklu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-artiklu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u tal- Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.2. Illi jigi dikjarat li l-artiklu 12 (4) ta' l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar Kap 158, tal-Ligijiet ta' Malta jilledi l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u jmur kontra l-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita, u li ghalhekk l-istess artiklu hu null u bla effett;

1.3 Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat ir-risposti kollha tal-intimati, (ara fol 10 u 13);

3. Ezaminat l-affidavidijiet u dokumenti kollha prodotti;

4. Ezaminat ix-xhieda kollha mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

5. Rat in-nota ta' cessjoni tar-rikorrenti datata l-5 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha cedew il-mertu tal-kawza odjerna izda zammew ferm id-dritt taghhom rigward il-kap tal-ispejjez, (ara fol 290);

6. Rat il-verbal datat it-13 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu l-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti informat ukoll lill-qorti li l-partijiet kienu qablu fuq il-mertu in dizamina izda kienu qed jikkontestaw il-kap tal-ispejjez;

7. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti fir-rigward;

**Ikkunsidrat:**

8. Illi in vista tal-premess din id-decizjoni hi limitataa unikament ghall-kap tal-ispejjez stante li l-kontendenti ittransigew fuq il-mertu tal-kontestazzjoni bir-rikorrenti jikkristallizzaw dan il-ftehim hekk milhuq billi jcedu l-kontestazzjoni kostituzzjonali inizjata minnhom;

9.0 Illi originarjament il-vertenza odjerna kienet reza necessarja imhabba s-segwenti:

9.1 Illi l-vertenza odjerna kienet tirrigwarda porzjon art ta' madwar ghaxart (10) itmiem, parti min dik maghrufa bhala Tal-Bidni fil-kontrada Tad-Dawl, limiti ta' Marsascala;

9.2 Illi l-istess porzjon kien koncess b'titolu ta' emfitewsi temporanju ghall-perjodu ta' disgha u disghin (99) sena lill-predecessuri fit-titolu ta' l-intimati, (ara fol 47);

9.3 Illi l-koncessjoni emfitewtika skadiet fil-15 t'Awwissu, 2008;

9.4 Illi l-intimati kienu qed jippretendu li ghad ghandhom dritt fuq l-istess art fuq indikata bis-sahha tal-artiklu 12 (4) ta' l-Ordinanza fuq riferita, (ara paragrafu wiehed punt tnejn, (1.2), qabel, billi jikkonvertu c-cens temporanju f'wiehed perpetwu;

9.5 Illi in esekuzzjoni ta' tali pretensjoni l-intimati ipprezentaw ukoll cedola ta' depozitu biex jikkonsolidaw l-istess pretensjoni;

9.6 Illi l-ammont depozitat mill-intimati gie meqjus irrizorju mir-rikorrenti;

9.7 Illi ghalhekk hassewhom aggravati mill-istess u hassew li ma kellhom l-ebda alternattiva hlief li jipprocedu bil-procedura odjerna;

9.8 Illi nonostante s-suespost, u bit-trapass ta' zmien riskontrat, il-kontendenti waslu fi ftehim li ippermetta lir-rikorrenti jirrinunzjaw ghall-kontinwazzjoni tal-procedura originarjament minnhom inizjata;

9.9 Illi pero`, nonostante din it-transazzjoni fuq il-mertu ghal ragunijiet li jafu huma, il-kontendenti xorta ma qablux fuq il-kap tal-ispejjez;

**Ikkunsidrat:**

10.0 Illi fuq il-vertenza rimanenti ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1 Illi r-rikorrenti kienu kostretti jintavolaw il-procedura odjerna stante li hassewhom aggravati bl-azzjoni mehuda mill-intimati billi l-porzjon li kien ghandu b'emfitewsi temporanja inbidel bis-sahha tal-ligi minnhom hawn attakkata f'koncessjoni perpetwa – u dan, billi anke jhallsu lir-rikorrenti somma ta' sitta u sebghin Ewro u sitta u tmenin centezmu, (€76.86), li verament tirrizulta irrizorja, (ara fol 30);

10.2 Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni tar-rikorrenti ma kienitx wahda kapriccuza;

**Ikkunsidrat:**

11. Illi tenut kont tas-suespost, ghalkemm hu verament lodevoli li l-kontendenti irnexxielhom, ghar-ragunijiet taghhom li din il-qorti hi prekluza milli tindaga fir-rigward, jaslu ghal transazzjoni fil-mertu, jibqa' l-fatt li ghad fadal l-istralc odjern x'jigi determinat;

12. Illi ghandu jkun pacifiku li bil-ligi tad-Dekontroll kif inhi, it-tibdil awtomatiku fil-kwalita` tal-emfitewsi kontrattata minn wiehed temporanju ghal wiehed perpetwu versu somma li meta tigi mahduma hi irrizorja u minghajr il-

kunsens tal-parti manomessa, taghti sahha morali kbira lir-rikorrenti li jippersegwixxu d-drittijiet taghhom skont il-ligi kif fil-fatt ghamlu permezz tal-procedura odjerna minnhom hawn inoltrata;

13. Illi ghandu wkoll ikun pacifiku li min jippersegwixxi d-drittijiet tieghu fil-limiti statutorjament lilu koncessi m'ghandux jigi penalizzat;

**DECIDE:**

14.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti ma thossx li ghandha b'xi mod ticcensura l-operat tar-rikorrenti li minhabba ta' konsorzju legislattiv u l-operat tal-intimati ma kien baqghalhom l-ebda alternattiva hlief li jippersegwixxu l-procedura odjerna biex jittutelaw id-drittijiet taghhom fuq il-proprjeta` *de quo*, u konsegwentement:

14.1 Tirrespingi t-talba tal-intimati rigwardanti l-ispejjez tal-procedura odjerna;

14.2 Takkolji t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-istess talba taghhom ghall-ispejjez tal-procedura in dizamina;

14.3 Illi konsegwentement tikkundanna lill-intimati fuq indikati biex ihallsu l-ispejjez kollha ta' din il-procedura fi kwoti ugwali bejniethom.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------